MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 4/2008

**Alfred Debono u martu Theresa Debono għal kull interess li jista' jkollha; u b'dikriet tat-2 ta' Frar 2010 il-kawża tkompliet fil-persuna ta' Carmelo Debono, Joseph Debono u Mark Anthony Debono minflok Alfred Debono li miet waqt li kienet miexja l-kawża**

***Versus***

**Joseph Debono u Ignatius Debono**

1. F'din il-kawża l-atturi qegħdin jitolbu li jingħataw kontijiet ta' diversi amministrazzjonijiet u li jitħallsu dak li jmiss lilhom.

2. L-atturi fissru illi l-konvenuti Joseph Debono u Ignatius Debono *junior*, li jiġu ħut l-attur Alfred Debono, għandhom l-amministrazzjoni tal-beni tal-wirt ta':

i. Ignazio *senior* u Theodora Debono, nanniet tal-attur u tal-konvenuti, li mietu Ignazio fl-14 ta' Settembru 1934 u Theodora fl-14 ta' Frar 1928;

ii. Dun Ġużepp Grech, li miet fl-1951; u

iii. Carmena Callus, zija tal-attur u tal-konvenuti, li mietet fl-10 ta' Diċembru 1989.

3. L-attur Alfred Debono, flimkien mal-konvenuti u oħrajn, għandu sehem mhux maqsum minn dawn il-beni tal-wirt iżda l-konvenuti, li qegħdin jamministraw:

i. qatt ma taw lill-attur rendikont tal-amministrazzjoni tal-beni komuni;

ii. għamlu kuntratti u ftehim ma' terzi bla ma ikkonsultaw mal-attur u anzi żammewh barra minn dawn il-kuntratti u ftehim; u

iii. qatt ma qassmu xejn u qatt ma taw lill-attur sehmu mid-dħul.

4. Meta l-attur talabhom jagħtu rendikont il-konvenuti aċċettaw iżda għamlu ħafna kondizzjonijiet li ma għandhom x'jaqsmu xejn mar-rendikont u li għalhekk l-attur ma aċċettahomx.

5. Billi huma tal-fehma illi l-konvenuti għandhom dmir jagħtu kont tal-amministrazzjoni tal-beni komuni, u li huma għandhom jedd jingħataw dan il-kont, l-atturi fetħu din il-kawża u qegħdin jitolbu illi l-qorti:

i. tordna lill-konvenuti jew lil min minnhom għandu jwieġeb sabiex fi żmien qasir u perentorju jagħtu kont tal-amministrazzjoni għaż-żmien kollu li ilhom jamministraw il-beni; u

ii. tordna lill-konvenuti jew lil min minnhom għandu jwieġeb sabiex iħallsu lill-atturi dak li jmiss lilhom mill-amministrazzjoni tal-beni komuni kif ukoll sehemhom mill-qbiela u kirjiet li jitħallsu lill-konvenuti mill-kerrejja.

6. Qegħdin jitolbu wkoll l-ispejjeż, fosthom dawk ta' erba' ittri legali.

7. Il-konvenuti ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

i. hija l-Qorti tal-Maġistrati li għandha l-kompetenza biex tisma' u taqta' din il-kawża għax jidher illi t-talba hija għall-ħlas ta' dak li jmiss lill-atturi mill-amministrazzjoni u dan is-sehem ma jaqbisx ħamest elef lira (Lm5,000), illum ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87);

ii. jekk it-tieni talba hija maħsuba biex tiskeb bidla fis-sistema ta' amministrazzjoni biex l-atturi jibdew jitħallsu direttament mill-inkwilini, it-talba hija improponibbli jekk il-beni komuni ma jinqasmux; is-sistema ta' amministrazzjoni għandu jkun wieħed li miegħu taqbel il-

parti l-kbira tal-komproprjetarji, basta jkun ġust u ekwu għal kulħadd;

iii. l-atturi għandhom jindikaw l-iskop tal-prova ta' kull xhud dikjarat u jsemmu kull xhud b'ismu;

iv. il-konvenuti qatt ma għamlu xi att ta' amministrazzjoni mingħajr ma kellhom l-awtorizzazzjoni u l-kunsens espress tal-parti l-kbira tal-komproprjetarji;

v. dwar l-ewwel talba, jidher li l-atturi ġà jafu kull ma hemm x'taf fuq l-amministrazzjoni, u kull nuqqas ta' tagħrif ma jaħtux għalih il-konvenuti li għamlu minn kollox biex lill-atturi jgħarrfuhom b'kollox;

vi. il-konvenuti kienu dejjem lesti li jħallsu lill-attur sehmu mid-dħul wara li jitnaqqsu l-ispejjeż tal-amministrazzjoni, iżda, billi l-partijiet qatt ma setgħu jiltaqgħu biex jiftiehmu dwar l-ispejjeż, qatt ma setgħet issir il-likwidazzjoni, iżda l-konvenuti huma lesti li jħallsu l-ammont li jiġi likwidat mill-qorti;

vii. l-attur Alfred Debono għandu f'idejh flus kontanti tal-komproprjetarji u dawn għandhom jitqiesu biex issir il-likwidazzjoni; u

viii. il-konvenuti jopponu għall-ispejjeż ta' din il-proċedura, u l-ispejjeż kollha kaġunati mill-intransiġenza tal-attur għandu jħallashom hu.

8. Billi l-ewwel eċċezzjoni tolqot il-kompetenza ta' din il-qorti, hija qabel xejn meħtieġa deċiżjoni dwarha.

9. Il-konvenuti jgħidu illi l-kawża hija ta' kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati għax il-valur ta' sehem l-atturi ma jaqbiżx il-kompetenza ta' dik il-qorti. L-art. 758 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, dwar kompetenza f'kawżi dwar għoti ta' kontijiet, jgħid hekk:

**758.** (1) Fil-kawżi dwar għoti ta' kontijiet ta' amministrazzjoni ta' somom ta' flus, il-valur tal-oġġett fil-kawża jiġi determinat mill-ammont ta' dawk is-somom.

(2) Jekk l-amministrazzjoni tkun ta' beni immobbli, il-valur ta' l-oġġett fil-kawża jiġi determinat mir-renta ta' sena, mingħajr tnaqqis ta' xejn, multiplikata għas-snin kollha miġjubin fit-talba tal-attur.

10. Kontra dak li jgħidu l-konvenuti, il-valur jitqies mhux fuq is-sehem tal-attur iżda fuq il-ħwejjeġ kollha fl-amministrazzjoni. Barra minn hekk, ladarba fl-amministrazzjoni hemm ukoll beni immobbli, għandu jitqies id-dħul ta' sena mutiplikat bin-numru ta' snin tal-

amministrazzjoni. Billi l-amministrazzjonijiet imorru lura għal bosta snin, l-asserzjoni tal-konvenuti illi l-valur ma jaqbiżx il-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati xejn ma tidher plawsibbli.

11. Għandu jinħad ukoll illi, f'dan l-istadju, ladarba għadhom ma ngħatawx kontijiet magħmulin sew, il-valur għadu ma jistax jiġi determinat, u għalhekk igħodd għall-każ l-art. 747(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jgħid illi "l-valur inċert jew indeterminat jitqies dejjem li jaqbeż il-kompetenza tal-qorti ta' ġurisdizzjoni limitata". L-eċċezzjoni ta' inkompetenza hija għalhekk miċħuda.

12. Ma huwiex kontestat illi l-konvenuti għandhom f'idejhom l-amministrazzjoni tal-wirt tal-persuni msemmija fir-rikors maħluf, u ma huwiex kontestat ukoll illi l-atturi għandhom sehem f'kull wirt u għalhekk interess fil-beni amministrati. Dan joħloq fuq il-konvenuti l-obbligazzjoni li jagħtu kont tal-amministrazzjoni tagħhom u jagħti lill-atturi l-jedd li jingħataw dan il-kont. L-ewwel talba tal-atturi għandha għalhekk tintlaqa'. Provvediment fuq it-tieni talba jkun jista' jingħata biss wara li jkun ingħata il-kont.

13. Il-qorti għalhekk wara li tiċħad l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza tilqa' l-ewwel talba tal-atturi u tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi żmien tliet xhur millum jagħtu kont tal-amministrazzjoni tagħhom tal-beni tal-wirt ta' (i) Ignazio *senior* u (ii) Theodora miżżewġin Debono, ta' (iii) Dun Ġużepp Grech u ta' (iv) Carmena Callus. Il-kont għandu jsir kif igħidu u jridu l-artt. 389 u 390 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. L-atturi jkollhom żmien ta' xahar mid-differiment li jmiss sabiex igħidu jaqblux jew le mal-kont u, jekk ma jaqblux, jindikaw il-partiti li jopponu u jfissru sew ir-raġuni għall-oppożizzjoni. Jekk il-konvenuti jonqsu milli jagħtu dan il-kont fiż-żmien li qiegħed jingħatalhom, l-atturi jkollhom is-setgħa fi żmien xahar mis-seduta li jmiss li b'nota maħlufa jispeċifikaw is-somma li għandha tingħatalhom.

14. L-ispejjeż ikunu regolati fis-sentenza finali.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------